# IL-POËŻIJA LHUDIJJA

Kull meta qalb il-bniedem tkun imkebbsa, mixgħula,imħeġġa b'imħabba jew b'mibegħda, b'ferħ jew b'għali, b'hena jew b'niket; kull meta qalb il-bniedem tkun tħabbat aktar qawwi u trid tfisser bil-kliem kull ma tkun tħoss ġo fiha, il-kliem joħroġ igelgel, ibaqbaq, ifawwar, iħabbat ma' kull taħbita tal-qalb, jidwi skond il-ħass tal-qalb. U din il-kelma tal-qalb ngħidulha poëżija. Il-poëżija twieldet ma' qalb il-bniedem u għalhekk m'hawnx ġens fuq wiċċ l-art kollha, u ma kien hawn qatt ġens li ma kellux il-għana tiegħu, il-poëżija tiegħu. Mhux bi ħsiebi nkellimkom fuq il-poëzija tagħna, u anqas fuq il-poëżija tal-ilsna tal-lum; tafu aktar minni; u anqas fuq il-poëżija tal-ilsna l-qodma; iżda fuq poëżija waħda biss, fuq il-poëżija lhudijja li ħafna minnkom, naħseb, daquha fil-Kotba Mqaddsa bil-Malti bla ma tiegħmu l-benna u l-ħlewwa tagħha kollha.

Il-poëżija lhudijja tingħażel mill-poëżija griega u latina u mill-poëżija tal-ilsna tal-lum. Dak li jatiha bixra għaliha n-nifsha hi r-rabta tal-versi u tal-ħsebijiet. Jiġifieri l-ħsieb li jkun imfisser f'vers wieħed ikun marbut mal-ħsieb imfisser fil-vers ta' ħdejh. Iż-żewġ vrus marbutin jimxu flimkien, u dan il-mixi mqabbel tal-vrus semmewh *parallelismo.* Ir-rabta tal-vrus tista' tkun ta' tlett xorti: xi drabi l-vers ta' wara jtenni bi kliem imbiddel il-ħsieb imfisser fil-vers ta' qablu *(parallelismo sinonimico)*; xi drabi l-vers ta' wara jkun fih ħsieb il-maqlub tal-ħsieb imfisser fil-vers ta' qablu *(parallelismo antitetico)*; u drabi oħra l-vers ta' wara jżid xi ħaġa li tkun tonqos lill-ħsieb imfisser fil-vers ta' qablu *(parallelismo sintetico)*; iżda din l-aħħar rabta nsibuha fl-ilsna tal-lum ukoll. F'poëżija waħda jistgħu jidħlu t-tlett rabtiet imqabbżin bejniethom.

Insemmilkom xi eżempi: Ħsieb wieħed imfisser f'żewġ vrus: Fi ktieb il-Ġenesi (4,23) naqraw li Lamek qatel raġel, u, mimli kburija u kefrija, mar igħid liż-żewġ nisa tiegħu, li kien jisimhom Għada u Sella:

"Għada u Sella isimgħu leħni,
nisa ta' Lamek atu widen lil kliemi.
Qtilt raġel għax ġeraħni,
u żagħżugħ għaliex darabni".

Fl-ewwel żewġ vrus għandna ħsieb wieħed; *Għada u Sella* huma *n-nisa ta' Lamek; atu widen lil kliemi* mhix ħaġ'oħra ħlief

*isimgħu leħni.* Hekk ukoll fit-tieni żewġ vrus *qtilt żagħżugħ għax darabni* tfisser l-istess *qtilt raġel għax ġeraħni.*

Fil-barka ta' Ġakobb lil uliedu (Ktieb il-Ġenesi 49,11) naqraw :

"Hu jorbot mad-dielja l-felu tiegħu
u maż-żarġun ferħ il-ħmara tiegħu;
jaħsel fl-imbid ilbiesu
u f'demm il-għeneb ħwejjġu".

It-tieni rabta: Ħsieb wieħed b'ieħor warajh il-maqlub tiegħu. Isimgħu xi ġmiel ta' versi meħudin mill-ktieb tal-Proverbi ta' Salamun (15, 13-20):

"Qalb ferħana tagħmel wiċċ ħelu,
imma in-niket tal-qalb telqa tar-ruħ.
Moħħ il-għaqli jfittex l-għerf,
imma fomm il-boloh jirgħa l-bluha.
Il-jiem kollha tal-fqir koroh
imma l-hena tal-qalb bħal mikla dejjemijja.
Aħjar ftit bil-beżgħa ta' Alla
minn ħażna kbira kollha tehmim.
Aħjar ikla bqajla fejn hemm l-imħabba
minn baqra smina bil-mibegħda magħha.
Raġel sħun ixewwex il-ġlied,
u min għandu s-sabar isikket it-tilwim.
Triq l-għażżien imġenba bix-xewk,
imma l-mogħdija tat-tajbin wâtja.
Iben għaref iferraħ 'l missieru,
bniedem iblah jagħmel għajb lil ommu."

Dawn il-versi l-aktar li jimxu fil-proverbi u fil-poeżija li tgħallêm it-tagħlim tal-ħajja, għax il-bniedem aktar jifhem it-tajjeb, aktar iħoss il-ġmiel tiegħu u aktar jinġibed lejh meta ma' ġenbu jara l-ħażin li hu l-maqlub tiegħu.

It-tielet rabta: It-tieni vers iżid xi ħaġa biex ikun sħiħ il-ħsieb imfisser fl-ewwel vers:

"Ħenn għalija, ja Alla, ħenn għalija,
għaliex fik tittama ruħi,
u għad-dell ta' ġwenħajk nistkenn
sa ma jgħaddi l-għawġ.
Insejjaħ l'Alla, l-Ogħla,
l'Alla li jieħu ħsiebi.

Ħajjti qiegħda qalb id-driebes,
nies jibżqu xrar ta' nar,
li snienhom lanez u vleġeġ,
u lsienhom sejf misnun.

Xibka firxu lil riġlejja,
iżda Hu warrabni minnha;
ħaffru quddiemi ħofra
u waqgħu huma fiha." (Salm 57, 2-7).

F'poeżija waħda jistgħu jidħlu dawn it-tlett rabtiet imqabbżin bejniethom skond il-fehma tal-kittieb u skond il-ħass ta' qalbu. Il-qalb, hi li tagħżel il-versi, torbothom u tmexxihom, u tatihom dik il-ħajja u dik il-qawwa li bihom mimlija. U għalhekk il-vrus jirtabtu jew żewġ, żewġ *(distici)*, jew tlieta, tlieta *(tristici)*; u xi drabi jirtabtu żewġt iżwieġ ta' versi (jew żewġ *distici)*, bl-ewwel vers jaqbel mat-tielet, u t-tieni mar-raba'. Hekk:

"Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar,
għalxejn jitħabtu l-bennejja.
Jekk il-Mulej ma jgħassesx il-belt,
għalxejn jishar il-għassies." Salm 127, 1.

Barra minn din ir-rabta ta' versi bejniethom, kull vers għandu wkoll dak li ngħidulu *ritmo*, li mhux ħaġ'oħra ħlief it-taqsim tal-aċċenti. Il-vers mhux meqjus biex ikollu dejjem għadd wieħed ta' sillabi, bħalma hu fil-poeżija tal-lum, anqas ma huma s-sillabi mqassmin qsar u twal, bħalma huma fil-poeżija griega u latina. Il-għadd tas-sillabi li għandhom l-aċċent jibqa' dejjem kif ikun, iżda s-sillabi mingħajr aċċent jistgħu jonqsu jew jiżdiedu. L-aċċenti jistgħu jkunu tnejn f'kull vers, bħal dan:

Biérek, ja Muléjna,
biérek lil ártek
biex meħlúsa mill-għádu
tkun déjjem fis-sliém.

Dawn il-versi għandhom kollha żewġ aċċenti, iżda l-ewwel wieħed għandu sitt sillabi, it-tieni u r-raba' għandhom ħamsa, u t-tielet għandu sebgħa; iżda r-*ritmo* huwa dejjem l-istess għax kull vers għandu żewġ aċċenti.

Versi bi tlett aċċenti huma dawn:

Fáħħru lill-Muléj fis-séma,
faħħrúh ja ħléjjaq tal-art kóllha.

U dawn b'erba' aċċenti:

Sa méta, ja Muléj, sa tíbqa tinsiéni,
għat-tnehíd ta' qálbi le ma táti wíden?

U jista' jkollna wkoll versi b'ħames aċċenti, b'waqfa jew *ċesura* wara t-tielet aċċent; hekk:

Fid-diéqa ta' qálbi fittíxtek, ja Álla tal-ħniéna,
il-frúgħa tad-dínja maqdárt, biex lílek inħóbb.

Dawn l-erba' kelmiet fuq fuq biż-żejjed biex jatukom ħjiel tal-poëżija lhudija, kif inhi maħduma u ħiex ma taqbelx mal-poëżiji li aħna mdorrijin bihom. Kif taraw ma għandhiex it-tlellix tal-poëżiji tal-lum, u anqas ir-reqqa u s-sengħa tal-poëżija griega u latina, iżda mhux anqas minnhom qawwija biex tfisser il-ħass kollu tal-qalb. Il-poëżija lhudijja aktar minn poëżiji oħra nistgħu ngħidulha l-kelma tal-qalb, għax fiha ma jindaħalx il-moħħ biex ifassal u jqassam il-kliem u s-sillabi, u jqis il-versi bi qjies tar-reqqa u jjassar kollox taħt il-ħama tiegħu. Il-poëżija lhudija ħielsa minn dan ir-rbit kollu biex timxi aktar max-xejra tal-qalb, timxi u tiġri, togħla, u tinżel skond ma ġġêgħilha l-qalb.

SAYDON.